MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-10 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 789/2012

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**vs**

**Magna Mater Holdings Ltd (C 31289)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Lombard Bank Malta p.l.c., li wara li ppremetta illi:

Il-Bank rikorrenti kkonceda lis-socjeta' intimata Magna Mater Holdings Ltd facilita' ta' self u in forza ta' din il-facilita', l-imsemmija socjeta' intimata ssellfet flus minghand il-Bank rikorrenti u ghandha debitu bilancjali favur l-istess Bank rikorrenti ta' mija u tmient elef, mija u tletin punt zero sitta Ewro (€108,130.06) skont "statement" hawn anness u mmarkat Dok. "A" bl-interessi kklakolati sat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), oltre

l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv;

Is-socjeta' intimata naqset milli taghmel il-pagamenti akkont skont kif pattwit;

Ghalkemm interpellata sabiex thallas dan id-debitu anke ufficjalment, is-socjeta' intimata baqghet inadempjenti.

Talab il-bank rikorrenti jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lill-Bank rikorrenti s-somma ta' mija u tmient elef, mija u tletin punt zero sitta Ewro (€108,130.06) skont "statement" hawn anness u mmarkat Dok. "A" bl-interessi kkalkolati sat-tlettax (13) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012), oltre l-imghaxijiet ulterjuri mill-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tnax (2012) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk tal-ittra ufficjali li ggib id-data tal-21 ta' Lulju 2011 u bl-imghaxijiet legali mill-14 ta' Lulju 2012 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' intimata li d-diretturi taghha huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat illi, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' Magna Mater Holdings Limited ma ressqet ebda twegiba ghall-kawza.

Semghet lix-xhud Philip Saliba.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi l-Bank rikorrenti, fil-kontumacja tas-socjeta' konvenuta irnexxielu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi dak li allega u cioe' li s-socjeta' intimata hija debitrici tieghu fl-ammont imsemmi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' Lombard Bank p.l.c. kif dedotta, bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Magna Mater Holdings Limited.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------